MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 342/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Chanel Limited, socjeta' estera registrata f'*Companies House* tal-Ingilterra u Wales bin-numru ta' registrazzjoni 00203669 u b'indirizz registrat ta' 19-21 Old Bond Street, Londra W1X 3TB fir-Renju Unit.**

**vs.**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-6 ta' Mejju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-entita` estera mhux Komunitarja (U.E.) S.M.T.F. P/C SELMA, b' indirizz mhux maghruf u b' indikazzjoni ta' *"TEL/FAX:00216-7133702"* fit-Tunezija.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' **Chanel Limited**, socjeta' estera registrata f'*Companies House* tal-Ingilterra u Wales bin-numru ta' registrazzjoni 00203669 u b'indirizz registrat ta' 19-21 Old Bond Street, Londra W1X 3TB fir-Renju Unit datat 8 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' portmonijiet u xalpi, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess.

Illi *inter alia*, is-socjeta' attrici ghandha rregistrati f'isimha sa minn diversi snin it-*trademarks* ta' Malta bin-numri ta' registrazzjoni 13950 – "CHANEL" (kelma), u 13951 – "CC " (figurattiva), it-tnejn dwar portmonijiet fost ohrajn, kif ukoll it-*trademarks* ta' Malta bin-numri ta' registrazzjoni 9139 – "CHANEL" (kelma) u 13952 – "CC " (figurattiva), it-tnejn dwar xalpi fost ohrajn.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*** u tal-**Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-**

**Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta**), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 10, 2 1. (a), 16** u **17 tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikoli 4, 2(1)(a) u 8(1) tal-Kap. 414.**

Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* UESU 4817419 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" kif ukoll - f'certi kazi - "CHANEL", materjal ta' ippakkettjar ta' uhud minn dawn il-portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", oltre ghal xalpi li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", li lkoll waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-8 ta' Marzu 2010 u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali *stante* li falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta' dokument relattiv ghall-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikata l-entita' estera konvenuta mhux Komunitarja (U.E.) S.M.T.F P/C SELMA b'indirizz mhux maghruf u b'indikazzjoni ta' "*TEL/FAX:00216-7133702*" fit-Tunezija, u fejn ukoll il-merkanzija kienet giet ufficjalment dikjarata bhala "*ARTICLE DIVERSE (MOBILE ACCESSORIES)*".

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox 427 portmoni u 10 xalpi, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-

**artikoli 10** u **14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kapitlu 416 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-8 ta' April 2010 (inkluz) sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" kif ukoll - f'certi kazi - "CHANEL", materjal ta' ippakkettjar ta' uhud minn dawn il-portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", *oltre* ghal xalpi li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* UESU 4817419 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-

tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-ghadd tal- oggetti kontravvenjenti, kif ukoll tal-hazna, tat-trasport u tad-distruzzjoni taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "L" kif jidhru minn fol. 7 sa fol. 40 tal-process.

Rat id-digriet datat 6 ta' Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex tinstema' fis-seduta tal-17 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-17 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone li ddikjara li ma ghandux provi iktar u Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur deputat li nfurmat lill-Qorti li ppruvat tikkominka mal-intimati izda kellha esitu negattiv u pprezentat nota f'dan is-sens. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat in-nota tal-Avukat Yana Micallef Stafrace pprezentata *seduta stante* tas-17 ta' Gunju 2010 li biha esebiet id-Dok "YMS" konsistenti f'ittra li ntalbet kemm bil-*fax* u bil-posta u li ma hemmx risposta ghaliha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici hija detentrici tal-markju/i "CHANEL" (kelma) liema kelma hija registrata Malta (Numru 13950), kif ukoll bir-registrazzjoni Numru 13951 – "CC " (figurattiva), it-tnejn dwar basktijiet (*handbags*) u kartieri fost ohrajn, kif ukoll ghat-trademarks bin-numri ta' registrazzjoni 9139 – "CHANEL" (kelma) u 13952 – "CC" (figurattiva), it-tnejn dwar xalpi fost ohrajn, u fil-fatt dan jirrizulta mid-Dok. "C" sa "F" annessi mar-rikors guramentat.

Illi s-socjeta' attrici hija wkoll "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003** u tal- **Kap. 414 .**

Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. *tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana fit-12 ta' Frar 2010 (Dok. "H") kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* UESU 4817419 kontenenti fost ohrajn f'oggetti konsistenti b'kollox 427 portmoni u 10 xalpi (flimkien ma' materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli) li ghandhom fuqhom *trademarks* "CHANEL" u "CC" (figurattiva), li kollha waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana indika b'kollox 427 portmoni u 10 xalpi (*oltre* ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli) li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti kienu allegatament falsifikati u fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mir-rapport li sar fit-23 ta' Marzu 2010 (Dok. "K") u jidher li l-istess oggetti kienu destinati ghall-entita' intimata u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew lkoll ippruvati u salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u **fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" kif ukoll - f'certi kazi - "CHANEL", materjal ta' ippakkettjar ta' uhud minn dawn il-portmonijiet li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", *oltre* ghal xalpi li ghandhom fuqhom *trademarks* "CC" u "CHANEL", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* UESU 4817419 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, nkluzi dawk tal-ghadd tal-oggetti kontravvenjenti, kif ukoll tal-hazna, tat-trasport u tad-distruzzjoni taghhom.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------